MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Numru 918/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**Darren Degabiele**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Darren Degabriele** ta' 24 sena, din Carmelo u Josaephine nee' Agius, imwieled Pieta fl-24 ta' Mejju, 1979, residenti 'Darmal' Ghaxaq Bye Pass, Ghaxaq, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 280079(M);

Talli fix-xahar ta' Mejju, 2003, gewwa dawn il-Gzejjer f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta'

bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqtu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi b'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamilt falsifikazzjoni tal-firma ta' Mark Stagno u persuni ohra, fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta u banek ohra u aktar talli xjentement ghamilt uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

Talli fl-istess cirkostanzi ffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' cekk tal-Bank of Valletta u banek ohra, illi meta jigi pprezentat wiehed jista jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern I aktar talli ghamilt uzu mill-istess karti msemmija;

Talli fl-istess cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta' seba' mija u sittin lira Maltin (Lm760) ghad-dannu ta' Mark Stagno u diversi persuni ohra;

Talli fl-istess dat, lok u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor u cioe' ta' Mark Stagno ghamel xi qliegh iehor b'qerq;
Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu wara kwerela ta' Mark Anthony Stagno li allega li l-imputat iffalsifika l-firma tieghu biex isarraf cheque intestat f'isem l-kwerelant. L-kwerelant spejga li hu kien jahdem bi shab mal-imputat fuq survey's ta' qiegh il-bahar. L-imputat kellu jmur jirtira cheque ghall-bicca xoghol li kienu ghamlu u l-kwerelant lestielu ircevuta fiskali biex itiha lill-min kellu johrog ic-cheque. Wara ftit, l-kwerelant sar jaf illi l-imputat kien ha l-konsenja tac-cheque minkejja li kien jghid li c-cheque kellu jintbaghat bil-posta. L-imputat qata' kull kuntatt mal-kwerelant u wara li dan inghata kopja tac-cheque innota li dan kien intestat fuq il-kwerelant u li ssarraf bil-firma tieghu stess (ara Dok B a fol. 20).

Illi mill-provi mressqa jirrizulta illi omm l-imputat kienet ipprezentat ic-cheque ghal-hlas u dan kif jidher fuq il-wara tieghu fejn hemm il-firma ta' J. Degabriele. L-partijiet kienu ghamlu skrittura bejnithom fejn kien miftiehem li c-cheques kellhom jinhargu f'isem il-kwerelant (ara Dok A fol 16 u 17).

Illi min hareg ic-cheque ikkonferma li l-ftehim kien li dan johrog fuq il-kwerelant u dejjem kienet addotata il-procedura fejn ic-cheque jinhareg fuq il-kwerelant izda jingabar mill-imputat.

Illi mix-xhieda tar-rapprezentat tal-Bank of Valletta, jirrizulta illi c-cheque mertu tal-kawza inhareg mill-Ecoserv Lrd favur Mark Stagno u li dan iggirah u kien imsarraf minn J. Degabriele. Jirrizulta izda illi c-cheque originali kien distrutt bhala procedura wara trapass ta' hames xhur u ghalhekk dak li fadal hu biss immagini elettronika.

Illi omm l-imputat, imsejha mill-prosekuzzjoni biex tixhed, u li isimha jihder fuq il-wara tac-cheque, ghazlet li ma tixhidx kontra binha.

L-espert kaligrafu nominat minn din il-Qorti irrelatat illi l-firma fuq il-wara tac-cheque mhix tal-kwerelant minkejja li ggib ismu. Inoltre, l-espert ma setghetx tikkonkludi illi l-firma saret mill-imputat. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat

cahad li l-firma ta' Mark Stagno ghamilha hu anzi kien l-istess stagni li ffirma c-cheque;

Ikkunsidrat:

Illi minn dak kollu li ngieb a konjizzjoni tal-Qorti biex tiddeciedi dwar il-kaz, irid jinghad mill-ewwel illi fil-kamp kriminali l-prosekuzzjoni jehtigilha tipprova l-kaz taghha 'l hinn minn kull dubju sabiex tinstab htija kontra imputat. Issa, kif jidher lampanti, kienet omm l-imputat li sarrfet dan ic-cheque u fil-fatt huwa isimha li jidher fuq il-wara tieghu. Il-firma tal-kwerelant ma saritx minnu izda minn terzi persuni u minkejja dan, l-persuna li llum qed twiegeb ghal-akkuzi odjerni huwa l-imputat u mhux ommu li sarrfet ic-cheque.  Illi, l-espert kaligrafu ma setghetx tikkonkludi li l-firma tal-kwerelant saret mill-imputat.

Illi din il-Qorti ma tistax issib htija fuq il-probabbli izda biss fuq dak li hu cert u ghalhekk ikun inutili li jkunu ezaminat l-elementi kollha li jikkositiwixxu r-rejati addebitati lil-imputat la dabra li l-r-rekwiziti fundamentali ma jirrizultawx.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------